



Brussell, 19 ta' Frar 2026
(OR. en)

6574/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0054 (NLE)**

**ENV 150
PECHE 60**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPPEZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 88 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi fir-rigward tal-proposti ta' diversi Partijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet ta' dik il-Konvenzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 88 final.

Mehmuż: COM(2026) 88 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.2.2026
COM(2026) 88 final

2026/0054 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi fir-rigward tal-proposti ta' diversi Partijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet ta' dik il-Konvenzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi ("il-Konvenzjoni") b'rabta mal-adozzjoni prevista tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-emendar tal-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi

Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi għandha l-għan li tikkonserva l-ispeċijiet migratorji tal-art, tal-baħar u tal-ajru f'kull żona ta' distribuzzjoni tagħhom. Din hija trattat intergovernattiv, konkluż taħt il-patroċinju tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, li jittratta l-konservazzjoni tal-organiżmi selvaġġi u tal-habitats fuq skala globali. L-ispeċijiet migratorji li għandhom jiġu kkonservati huma elenkati fl-Appendiċijiet I (speċijiet ipperikolati) u II (speċijiet li għandhom ikunu s-soġġett ta' ftehimiet) tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1983.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Konvenzjoni¹. L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni.

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet

Il-Konferenza tal-Partijiet hija l-korp deċiżjonali ewlieni tal-Konvenzjoni. Il-funzjonijiet tagħha, li jinsabu fl-Artikolu VII tal-Konvenzjoni, jinkludu s-setgħat li tivvaluta l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet migratorji u, sussegwentement, li temenda l-Appendiċijiet I u II tal-Konvenzjoni. Id-deċiżjonijiet meħuda f'laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet jeżiġu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Partijiet li huma preżenti u li jivvotaw, ħlief fejn ikun previst mod ieħor mill-Konvenzjoni.

Il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet se ssir f'Campogrande (il-Brażil) mit-23 sad-29 ta' Marzu 2026.

2.3. L-att previst tal-Konferenza tal-Partijiet

Waqgħat il-15-il laqgħa tagħha, il-Konferenza tal-Partijiet trid tadotta deċiżjonijiet dwar l-emendar tal-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni ("l-atti previsti").

L-iskop tal-atti previsti huwa li jiġu emendati l-Appendiċi I u l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, kif previst fl-Artikolu XI tal-Konvenzjoni.

F'konformità mal-Artikolu III tal-Konvenzjoni, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni għandu jelenka l-ispeċijiet migratorji fil-periklu u li għalihom il-Partijiet li huma stati taż-żona ta' distribuzzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati għandhom jagħmlu hilihom biex jieħdu diversi miżuri ta' konservazzjoni u għandhom jipprojbixxu t-teħid ta' annimali ta' tali speċijiet.

L-Artikolu IV tal-Konvenzjoni jistipula li l-Appendiċi II għandu jelenka l-ispeċijiet migratorji li għandhom stat ta' konservazzjoni mhux favorevoli u li jeħtieġu ftehimiet internazzjonali

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċi migratorji tal-annimali selvaġġi (ĠU L 210, 19.7.1982, p. 10).

għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tagħhom, kif ukoll dawk li għandhom stat ta' konservazzjoni li kieku jibbenefika b'mod sinifikanti mill-kooperazzjoni internazzjonali li tista' tinkiseb bi ftehim internazzjonali.

Skont kif jirrikjedu ċ-ċirkostanzi, speċi migratorja tista' tiġi elenkata kemm fl-Appendiċi I kif ukoll fl-Appendiċi II.

F'konformità mal-Artikolu XI tal-Konvenzjoni, kwalunkwe Parti tista' tressaq proposti għal emendi. Emenda tal-Appendiċijiet tidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha 90 jum wara l-laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet li fiha tiġi adottata, għajr għal dawk il-Partijiet li jesprimu xi riżerva.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Fir-rigward tal-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, l-Unjoni ma pproponiet l-ebda emenda tal-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

Partijiet oħra għall-Konvenzjoni ppreżentaw proposti għall-emendar tal-Appendiċi I biex ikun jinkludi l-ispeċijiet u s-sottospeċijiet li ġejjin: *Acinonyx jubatus* (popolazzjonijiet taż-Żimbabwe, tal-Botswana u tan-Namibja), *Hyaena hyaena*, *Pteronura brasiliensis*, *Pterodroma barau*, *Pterodroma cervicalis occulta*, *Pterodroma hasitata*, *Pterodroma madeira*, *Pterodroma magentae*, *Pterodroma inċerta*, *Pseudobulweria macgillivrayi*, *Pseudobulweria aterrima*, *Pseudobulweria becki*, *Numenius phaeopus hudsonicus*, *Limosa haemastica*, *Tringa flavipes*, *Alopias pelagicus*, *Alopias superciliosus*, *Alopias vulpinus*, *Sphyrna lewini*, *Sphyrna mokarran*.

Parti waħda għall-Konvenzjoni, l-Uzbekistan, ippreżentat proposta biex jiġi emendat l-Appendiċi I sabiex titneħħa minn dan l-Appendiċi l-ispeċi li ġejja (filwaqt li tinżamm fl-Appendiċi II): *Cervus elaphus yarkandensis*.

Partijiet oħra għall-Konvenzjoni ppreżentaw proposti għall-emendar tal-Appendiċi II biex dan jinkludi l-ispeċijiet li ġejjin: *Acinonyx jubatus* (popolazzjonijiet taż-Żimbabwe, tal-Botswana u tan-Namibja), *Hyaena hyaena*, *Pteronura brasiliensis*, *Pterodroma leucoptera* (popolazzjonijiet tal-Awstralja u ta' New Caledonia), *Pterodroma brevipes*, *Pterodroma defilippiana*, *Pterodroma longirostris*, *Pterodroma cookii cookii*, *Pterodroma cookii orientalis*, *Pterodroma pycrofti*, *Pterodroma axillaris*, *Pterodroma neglecta juana*, *Pterodroma arminjoniana*, *Pterodroma alba*, *Pterodroma cervicalis cervicalis*, *Pterodroma externa*, *Pterodroma faea*, *Pterodroma deserta*, *Ardenna carneipes*, *Pseudobulweria rostrata*, *Bubo scandiacus*, *Sporophila iberaensis*, *Mustelus schmitti*, *Squatina guggenheim*, *Pseudoplatystoma corruscans*.

Għalhekk, il-Kunsill jeħtieġ jieħu deċiżjoni għall-fini tal-istabbiliment tal-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-kuntest tal-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fir-rigward tal-proposti għall-emendi.

Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-proposti kollha msemmijin hawn fuq, b'eċċezzjoni għall-ispeċi *Cervus elaphus yarkandensis*, peress li huma bbażati fuq ix-xjenza u huma konformi mal-impenn tal-Unjoni fir-rigward tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità, inkluż li tqis il-mod kif l-informazzjoni xjentifika li tikkonċerna kemm il-karatteristiċi bijoloġiċi kif ukoll il-punti ta' referenza bijoloġiċi tas-sajd tintuża bl-aħjar mod.

Iż-żieda ta' dawn l-ispeċijiet fl-Appendiċi I jew II tal-Konvenzjoni jew it-tneħħija tal-ispeċi *Cervus elaphus yarkandensis* mill-Appendiċi I, kif propost, ma tkun teħtieġ l-ebda bidla fid-dritt tal-Unjoni.

L-Unjoni mhijiex stat taż-żona ta' distribuzzjoni għall-mammiferi *Acinonyx jubatus* u *Hyaena hyaena*. Jenħtieġ li ż-żieda ta' dawn l-ispeċijiet fl-Appendiċijiet I u II tiġi appoġġata.

Il-mammiferu *Pteronura brasiliensis* jinsab fl-Unjoni fil-Guyana Franċiża biss, fejn il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-natura ma tapplikax. Jenħtieġ li ż-żieda ta' din l-ispeċi fl-Appendiċijiet I u II tal-Konvenzjoni tiġi appoġġata.

B'referenza għall-mammiferu *Cervus elaphus yarkandensis*, il-Kunsill Xjentifiku tal-Konvenzjoni nnota, matul it-tmien sessjoni tiegħu li saret f'Diċembru 2025, in-nuqqas ta' ċarezza dwar l-ambitu tassonomiku tal-proposta u l-ħtieġa ta' aktar data dwar l-għadd tal-popolazzjoni. Għaldaqstant, bħalissa hemm nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti biex tiġi stabbilita pożizzjoni dwar din l-ispeċi. Għalhekk, il-pożizzjoni finali tal-UE dwar it-tneħħija ta' din l-ispeċi mill-Appendiċi I għandha tiddependi fuq is-sottomissjoni u l-kunsiderazzjoni ta' informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida qabel il-Konferenza tal-Partijiet jew matulha, u għandha tittieħed f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu III(3) tal-Konvenzjoni.

L-għasafar *Pterodroma cervicalis occulta*, *Pterodroma hasitata*, *Pterodroma magentae*, *Pterodroma inċerta*, *Pseudobulweria macgillivrayi*, *Pseudobulweria becki*, *Pterodroma leucoptera* (popolazzjonijiet tal-Awstralja jew ta' New Caledonia), *Pterodroma brevipes*, *Pterodroma defilippiana*, *Pterodroma longirostris*, *Pterodroma cookii cookii*, *Pterodroma cookii orientalis*, *Pterodroma pycrofti*, *Pterodroma axillaris*, *Pterodroma neglecta juana*, *Pterodroma arminjoniana*, *Pterodroma alba*, *Pterodroma cervicalis cervicalis*, *Pterodroma externa*, *Ardenna carneipes*, *Pseudobulweria rostrata*, *Numenius phaeopus hudsonicus*, *Limosa haemastica*, *Tringa flavipes* u *Sporophila iberaensis* ma jinsabux fuq it-territorju Ewropew li għalih tapplika d-Direttiva 2009/147/KE. B'hekk, iż-żieda ta' dawn l-ispeċijiet fl-Appendiċi I jew II tal-Konvenzjoni ma tkun teżiġi l-ebda bidla fid-dritt tal-Unjoni u jenħtieġ li tiġi appoġġata.

L-għasafar *Pterodroma madeira*, *Pterodroma feae*, *Pterodroma deserta* u *Bubo scandiacus* diġà huma koperti mid-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar². Jenħtieġ li ż-żieda ta' dawn l-ispeċijiet fl-Appendiċi I jew II tal-Konvenzjoni tiġi appoġġata.

Il-ħut *Alopias pelagicus*, *Alopias superciliosus* u *Alopias vulpinus* huma strettament protetti skont ir-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd tal-2025³. Huma protetti wkoll skont ir-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi⁴. Ir-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi jipprovdi wkoll il-livell meħtieġ ta' protezzjoni għall-ħut *Sphyrna lewini* u *Sphyrna mokarran*. Jenħtieġ li ż-żieda ta' dawn l-ispeċijiet fl-Appendiċi I jew II tal-Konvenzjoni tiġi appoġġata.

L-Unjoni mhijiex stat taż-żona ta' distribuzzjoni għall-ispeċijiet tal-ħut *Mustelus schmitti*, *Squatina guggenheim* u *Pseudoplatystoma corruscans*. Jenħtieġ li ż-żieda ta' dawn l-ispeċijiet fl-Appendiċi I jew II tal-Konvenzjoni tiġi appoġġata.

² Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 (ĠU L, 2025/202, 31.1.2025

⁴ Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett tal-“*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*”⁵.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Konferenza tal-Partijiet hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Animali Selvaġġi.

L-atti li l-Konferenza tal-Partijiet qed tintalab tadotta jikkostitwixxu atti li jkollhom effetti legali. L-atti previsti se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu XI tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Animali Selvaġġi.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni.

Għalhekk, il-baży legali proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Baży legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq baży legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti huma relatati mal-protezzjoni ambjentali.

Għalhekk, il-baży legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-baży legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-atti tal-Konferenza tal-Partijiet se jemendaw l-Appendiċijiet I u II tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Animali Selvaġġi, jixraq li dawn jiġu ppubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara li jiġu adottati.

⁵ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi fir-rigward tal-proposti ta' diversi Partijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet ta' dik il-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (il-“Konvenzjoni”) ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE⁶ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1983.
- (2) Skont l-Artikolu XI tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni (il-“Konferenza tal-Partijiet”) tista' tadotta deċiżjonijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.
- (3) Il-Konferenza tal-Partijiet, waqt il-15-il laqgħa tagħha f'Marzu 2026, trid tadotta deċiżjonijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni dwar il-proposti (i) rigward l-inklużjoni fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni ta' *Acinonyx jubatus* (popolazzjonijiet taż-Żimbabwe, tal-Botswana u tan-Namibja), *Hyaena hyaena*, *Pteronura brasiliensis*, *Pterodroma barau*, *Pterodroma cervicalis occulta*, *Pterodroma hasitata*, *Pterodroma madeira*, *Pterodroma magentae*, *Pterodroma inċerta*, *Pseudobulweria macgillivrayi*, *Pseudobulweria aterrima*, *Pseudobulweria becki*, *Numenius phaeopus hudsonicus*, *Limosa haemastica*, *Tringa flavipes*, *Alopias pelagicus*, *Alopias superciliosus*, *Alopias vulpinus*, *Sphyrna lewini*, *Sphyrna mokarran*; (ii) dwar it-tneħħija mill-Appendiċi I tal-Konvenzjoni (filwaqt li tinżamm fl-Appendiċi II) ta' *Cervus elaphus yarkandensis*; u (iii) rigward l-inklużjoni fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni ta' *Acinonyx jubatus* (popolazzjonijiet taż-Żimbabwe, tal-Botswana u tan-Namibja), *Hyaena hyaena*, *Pteronura brasiliensis*, *Pterodroma leucoptera* (popolazzjonijiet tal-Awstralja u ta' New Caledonia), *Pterodroma brevipes*, *Pterodroma defilippiana*, *Pterodroma longirostris*, *Pterodroma cookii cookii*, *Pterodroma cookii orientalis*, *Pterodroma pycrofti*, *Pterodroma axillaris*, *Pterodroma neglecta juana*, *Pterodroma arminjoniana*, *Pterodroma alba*, *Pterodroma cervicalis cervicalis*, *Pterodroma externa*, *Pterodroma feae*, *Pterodroma deserta*, *Ardenna carneipes*, *Pseudobulweria rostrata*, *Bubo scandiacus*, *Sporophila iberaensis*, *Mustelus schmitti*, *Squatina guggenheim*, *Pseudoplatystoma corruscans*.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċi migratorji tal-annimali selvaġġi (ĠU L 210, 19.7.1982, p. 10).

- (4) L-atti previsti tal-Konferenza tal-Partijiet se jipproduċu effetti legali skont id-dritt internazzjonali għall-Unjoni.
- (5) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-proposti kollha msemmijin hawn fuq, b'eċċezzjoni għall-ispeċi *Cervus elaphus yarkandensis*, peress li huma bbażati fuq ix-xjenza, konformi mal-impenn tal-Unjoni fir-rigward tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, u konformi mad-deċiżjonijiet meħuda fil-Konferenza tal-Partijiet għal dik il-Konvenzjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għandha tkun din li ġejja:

- (1) li tiġi appoġġata ż-żieda fl-Appendiċi I tal-ispeċijiet jew tas-sottospeċijiet li ġejjin:
 - (1) Popolazzjonijiet taż-Żimbabwe, tal-Botswana u tan-Namibja ta' *Acinonyx jubatus*
 - (2) *Hyaena hyaena*
 - (3) *Pteronura brasiliensis*
 - (4) *Pterodroma barau*
 - (5) *Pterodroma cervicalis occulta*
 - (6) *Pterodroma hasitata*
 - (7) *Pterodroma madeira*
 - (8) *Pterodroma magentae*
 - (9) *Pterodroma inċerta*
 - (10) *Pseudobulweria macgillivrayi*
 - (11) *Pseudobulweria aterrima*
 - (12) *Pseudobulweria becki*
 - (13) *Numenius phaeopus hudsonicus*
 - (14) *Limosa haemastica*
 - (15) *Tringa flavipes*
 - (16) *Alopias pelagicus*
 - (17) *Alopias superciliosus*
 - (18) *Alopias vulpinus*
 - (19) *Sphyrna lewini*
 - (20) *Sphyrna mokarran*
- (2) li l-pożizzjoni finali dwar it-tneħħija mill-Appendiċi I tal-ispeċijiet tibda tiddependi mid-disponibbiltà ta' informazzjoni addizzjonali u/jew emendi tal-proposta li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu III(3) tal-Konvenzjoni humiex issodisfati:

- (1) *Cervus elaphus yarkandensis*
- (3) li tiġi appoġġata ż-żieda fl-Appendiċi II tal-ispeċijiet li ġejjin:
- (1) Popolazzjonijiet taż-Żimbabwe, tal-Botswana u tan-Namibja ta' *Acinonyx jubatus*
 - (2) *Hyaena hyaena*
 - (3) *Pteronura brasiliensis*
 - (4) Popolazzjonijiet tal-Awstralja u ta' New Caledonia ta' *Pterodroma leucoptera*
 - (5) *Pterodroma brevipes*
 - (6) *Pterodroma defilippiana*
 - (7) *Pterodroma longirostris*
 - (8) *Pterodroma cookii cookii*
 - (9) *Pterodroma cookii orientalis*
 - (10) *Pterodroma pycrofti*
 - (11) *Pterodroma axillaris*
 - (12) *Pterodroma neglecta juana*
 - (13) *Pterodroma arminjoniana*
 - (14) *Pterodroma alba*
 - (15) *Pterodroma cervicalis cervicalis*
 - (16) *Pterodroma externa*
 - (17) *Pterodroma feae*
 - (18) *Pterodroma deserta*
 - (19) *Ardenna carneipes*
 - (20) *Pseudobulweria rostrata*
 - (21) *Bubo scandiacus*
 - (22) *Sporophila iberaensis*
 - (23) *Mustelus schmitti*
 - (24) *Squatina guggenheim*
 - (25) *Pseudoplatystoma corruscans*

Artikolu 2

Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet tekniċi minuri fil-pożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1 mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*